# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 373/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Clayton Tonna**

Seduta tal-25 t'Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Clayton Tonna, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 259585M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Jannar, 2015 fil-Gzejjer Maltin naqas li jaghti lil Illarya Grech, is-somma ta' €150.00 fix-xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma skont l-Artiklu 338(z) tal- Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Lulju, 2015 li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clayton Tonna, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Lulju, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex **tirrevoka** s-sentenza appellata billi, **thassarha u tirrevokha** u kwindi minnha tillibera lil appellant skont il-Ligi minn din l-imputazzjoni, htija u piena u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, **alternattivament, tirriformha** in kwantu l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi, u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi din il-Qorti tistqarr illi hija xi ftit perplessa ghar-raguni illi wara li qrat il-fatti kif rakkontati fir-rikors tal-appell kif ukoll ir-ragunijiet tal-aggravji fejn kienu allegati cirkostanzi ta' natura ferm serja u wara li semghet lill-appellant bil-gurament dan ma qal xejn ghajr li huwa naqas milli jhallas il-manteniment dovut ghaliex il-parte civile naqset milli taghtih access ghall-wild kif kienet obligata

li taghmel skond ordni tal-Qorti. Oltre dan, l-appellant iressaq aggravju dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti imbaghad bl-aktar mod konfuz iressaq argumenti li difficli tghid jekk humhiex relatati man-natura tal-piena jew mar-raguni ghaliex ma kellux jinstab hati. Finalment imbaghad jitlob ghar-revoka tas-sentenza appellata u b'mod sussidjarju ghal-varjazzjoni taghha b'temperament fil-piena;

2. Din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid u mid-deposizzjoni tal-parte civile jemergi illi dan kien l-uniku incident fejn l-appellant ma ottemperax ruhu mal-ordni tal-Qorti ghal hlas tal-manteniment u ghadu moruz fil-hlas minkejja s-sentenza appellata. L-appellant xehed illi ghal dak ix-xahar ma kienx hallas il-manteniment ta' ibnu ghaliex l-kwerelanta ma rieditx taghtih l-access li ghalih kien awtorizzat mill-Qorti u dak iz-zmien ma jistghax jerga jgibu lura;

3. Ezaminati l-atti, b'mod partikolari d-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tat-2 ta' Jannar 2015 li permezz tieghu l-appellant kien ordnat ihallas lill-parte civile is-somma ta' €150 fix-xahar ghall-manteniment tal-minuri (fol 12), hija l-konsiderata opinjoni ta' din il-Qorti illi l-appellant ma kellu ebda dritt jissospendi l-hlas tal-manteniment. Sakemm kien hemm in vigore l-ordni fuq imsemmija, l-appellant kellu d-dover li jottempera ruhu skrupolozament u kien jispetta lilu li jressaq proceduri quddiem l-istess Qorti jekk hass illi n-nuqqas tal-access kien jimmerita riduzzjoni jew rimozzjoni tal-obbligu tal-manteniment;

4. Kwantu ghall-aggravju dwar il-piena, l-appellant jargumenta illi huwa kellu jitqies bhala *first offender* u minkejja dan, l-ewwel Qorti kkundannatu ghal-detenzzjoni ta' gimgha. Ezaminata l-fedina penali tal-appellant, izda, jirrizulta **<u>biss</u>** illi din hija l-ewwel darba li huwa instab hati li naqas milli jaghti manteniment kif ordnat mill-Qorti izda mhux dwar infrazzjonijiet ohra;

5. Issa, huwa assodat fil-gurisprudenza in rigward illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena

sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata (Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubbblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubbblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubbblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015). Dan konvenut, izda, huwa desiderabbli li fil-kominazzjoni tal-piena l-Qorti, fost diversi parametri ohra, izzomm fil-mira d-differenza bejn persuna li abitwalment tghazel illi tinjora l-ordni tal-Qorti u persuna li ghamlet hekk ghall-ewwel darba u l-gravita tar-reat koncernat. Ammess ukoll illi n-nuqqas ta' ottemperanza ma' ordni tal-Qorti huwa reat gravi, anke jekk hawn si tratta ta' kontravvenzjoni, izda intiza ghar-retta vivenza tal-wild. Huwa desiderat ghalhekk certu bilanc intiz ukoll bhala ammonizzjoni ghal-dak li jispetta lill-dak il-persuna li fi hsiebha tibqa' tinjora tali ordnijiet li fil-kaz odjern intwera li kienet okkazzjoni unika anke jekk il-fedina penali tieghu tiddemostra li din mhix l-ewwel darba li huwa xellef dufrejh mal-gustizzja;

6. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tichad it-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata. Tilqa' t-talba ghal-varjazzjoni tas-sentenza billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati; tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundanntu ghal-detenzzjoni ta' gimgha u minflok tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret lill-appellant bi kliem car l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;